MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Numru 321/2004

**ILLUM 25 TA’ OTTUBRU 2005**

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)

vs

Michael Sultana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 232575(m) akkuzat talli fit-28 ta’ Marzu 2004 u fi zminijiet precedenti fuq il-monti tal-Belt u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda

li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrja, jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh ta' merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' music CDs allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. safa recidiv ghat-terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Gunju 2002,

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-korp tar-reat jikkonsisti f'tnax il-CDs li l-Pulizija kienet elevat minn fuq it-tilar tal-imputat nhar it-28 ta' Marzu tas-sena l-ohra mill-monti tal-Belt fuq suspett li dawn ma kienux genwini. Jinghad li kien hemm bosta CDs ohra li l-Pulizija ma dehrilhomx li kellhom jissekwestaw billi dawn dehru genwini. Il-kawza ghalhekk tirrigwarda dawn it-tnax CDs u l-akkuza principali hi retta fuq il-frodi kummercjali prevista fl-Artikolu 298 tal-Kap 9. L-imputat jinsab mixli taht l-artikolu citat li ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi, jew immanifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija, jew bejgh tal-merkanzija, jew li xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh, jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew

emblema imxebbhin b’qerq naturalment fil-konfront tat-tnax is-CDs elevati. Kwindi sabiex tirnexxi fil-kawza l-prosekuzzjoni kellha tipprova jew li l-imputat biddel l-isem, il-marka jew sinjal distintiv, jew li immanifattura, jew li xjentement ghamel uzu minn merkanzija tali li s-sinjali, tabelli jew emblemi fiha tista’ tqarraq lix-xerrej dwar il-genwinita’ taghha, jew li pogga fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh tali merkanzija, jew li importa din il-merkanzija. Issa minn dak li xehdet l-ufficjal prosekutur, qatt kontradetta, jirrisulta wisq car, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li l-imputat kien effettivament ibiegh minn dawn is-CDs. Anka fl-istqarrija tieghu, li huwa ikkonferma u ghazel li joqghod fuqha, jghid bhala spiega ta’ kif gew ghandu, li gieli kienu jigu xi nies b’CDs u ppartathom ma’ xoghol li jkollu fuq it-tillar u dana ghalkemm sostna li dawn l-istess CDs uzhom biss biex idoqq bihom. Igifieri, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, hemm, f’dak li stqarr fl-istqarrija, illi huwa jekk xejn, pogga fic-cirkolazzjoni din il-merkanzija. Hu rikjest hawnhekk ix-xjenza tal-falz li fil-kaz in disamine l-Qorti m’ghandhiex dubbju kienet tippersisti fl-imputat li minghajr dubbju kien xjenti dwar il-falz tal-merkanzija. M’hemm lanqas l-ebda dubbju li l-merkanzija in disamine kient wahda mhux genwina. Ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata. Kuntrarjament, pero, ma gietx pruvata t-tieni akkuza stante li m’hemm ebda prova, senjatament is-sentenza, li jekk konfermata, kienet tissodisfa l-prova tar-recidiva.

Inghad dan, ghalhekk, issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza u tillerah mit-tieni. Rat l-Artikolu 298(a)(b)(c)(f) u tikkundannah erba’ xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tordna fuq l-iskorta ta’ l-Artikolu 23 tal-Kap 9 il-konfiska tal-oggetti esebiti u d-distruzzjoni taghhom permezz tar-Registratur ta’ dawn il-Qrati li ghandu mhux aktar tard minn gimgha mill-lum jippresenta nota dwar id-distruzzjoni taghhom.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu ghab-bazi ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------